**24 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Mallia

**Delitt — Kontravvenzjoni — Importazzjoni — Vjolazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-Liċenza — Konfiska — Art. 25 u 24(3) tal-Kodiċi Kriminali — Att IV tal-1947**

*In linea ta' massima, jekk reat ikun punibbli bil-pieni tad-delitti, allura għandu jkun ritenut li hu delitt; imma dan hu minnu sakemm ma jkunx hemm xejn fil-liġi partikulari li tikkontempla dak ir-reat li jwassal għal konklużjoni diversa. Għaldaqstant, ir-reat ta' min, bħala importatur, jonqos milli josserva l-kondizzjonijiet kollha li hemm fil-liċenza li għandu ta' importazzjoni, għalkemm il-liġi tikkommina għal dan ir-reat pieni li huma irrogabbli għad-delitt, huwa kontravvenzjoni, għax skond il-liġi rilevanti dan ir-reat għandu jkun kwalifikat bħala kontravvenzjoni.*

*U allura, għall-imputabbilità ta' dan ir-reat hi biżżejjed il-volontarjetà tal-fatt; hu biżżejjed li l-imputat kien il-kawża effiċjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, mingħajr ma hemm bżonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illeġittimità tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss. allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indaġini tal-Qorti għandha tkun ristretta filli l-ġudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u sempliċi.*

*F'din l-indaġini ma għandhiex tidħol id-dispożizzjoni li tirrigwarda r-responsabbiltà għall-fatt tas-subalterni u dipendenti tan-neguzjant li jinkorri f'din il-kontravvenzjoni; għax hu ċar illi r-relazzjonijiet bejn il-merkant malti li jagħti l-ordni lill-merkant esteru ma humiex relazzjonijiet ta' dipendenza simili.*

*Għaldaqstant. jekk l-imputat għamel l-ordinazzjoni lid-dar ta' barra fis-sens li l-merkanzija kellha tasal Malta konformi mal-kondizzjonijiet tal-liċenza tiegħu tal-importazzjoni. hu. fl-ordinazzjoni li għamel, osserva l-kondizzjonijiet tal-liċenza; jiġi per konsegwenza li hu ma riedx il-fatt tal-arriv f'Malta tal-kerkanzija li waslet mhux konformi għal dawk il-kondizzjonijiet; u allura tonqos il-volontarjetà li hi l-element psikiku għall-kommissjoni tal-kontravvenzjoni.*

*Però, għalkemm l-importatur ma hux ħati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata, il-konfiska tal-merkanzija hi applikabbli; għax il-merkanzija fl-istat li waslet hija kontra l-liġi, apparti l-imputabbilità o meno tal-individwu li mportaha.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Mallia talli f'Malta, f'dawn il-ġranet, bħala importatur, naqas li jħares il-kondizzjonijiet kollha li hemm mal-"import licence" no. 000065 mogħtija lilu mid-Direttur tal-Iżvilupp Industrijali għall-importazzjoni ta' ħmistax il-tunellata tadam minn Port Said, Eġittu, li l-valur tal-istess tadam li ġie mportat jeċċedi l-£20 iżda mhux iżjed minn £500;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Frar 1960, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati tar-reat lilu ad-

debitat, b'dan però li l-merkanzija formanti oġġett tar-reat hija tal-valur ta' £64. 18. 6d; u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fattispeċje partikulari tal-każ u l-fedina penali tal-imputat, ikkundannatu għall-multa ta' £30, u ordnat il-konfiska tal-2597 kili tadam fuq imsemmija;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Ikkunsidrat;

Dwar in-natura tar-reat addebitat lill-imputat;

Hu veru, in linea ta' massima, li jekk ir-reat ikun punibbli bil-pieni tad-delitti, allura għandu jkun ritenut li hu delitt; però dan hu veru jekk ma jkunx hemm xejn fil-liġi partikulari li jieħu għal konklużjoni diversa. Il-piena komminata għal dan ir-reat hi dik tal-multa jew priġunerija, liema pieni huma irrogabbli għal delitti, skond il-liġi komuni. Imma fl-"enabling law" (Att IV tal-1947), li bis-saħħa tagħha ġew emanati r-regolamenti li taħthom inġiebet l-imputazzjoni, fl-art. 8 tagħha, ġie statwit illi japplika għal reati kontra dak l-Att, jew kontra r-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, l-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, li fil-liġi ġenerali hu applikabbli, "expressis verbis", għall-kontravvenzjonijiet bis.s Dan ifisser, indubbjament, illi l-leġislatur, non ostante x-xorta tal-piena, ried jekwipara dawn ir-reati għal kontravvenzjonijiet. Wara li għamel dan fl-imsemmi art. 8 tal-"enabling law", sorġiet in-neċessità li jsir l-art. 9, li fih (apparti t-tieni parti tiegħu, li tol-qot l-attijiet preparatorji, u li ma tinteressax dan l-argument), ġie espressament punit it-tentattiv. U ngħad li sr-ġiet in-neċessità ta' dan l-artikolu wara li sar l-art. għaliex, jekk b'dan l-artikolu tal-aħħar, ċjoè bl-art. 8, ir-reat ġie ekwiparat għal kontravvenzjoni, allura kien jiġi, kieku ma sarx l-art. 9, li ma kienx ikun punibbli t-tentattiv ta' kontravvenjoni mhux punibbli. Hu ovvju li ma kienx ikun hemm bżonn l-ewwel parti tal-art. 9, li tippunixxi t-tentattiv, kieku dawn ir-reati kienu delitti; għax allura "sequitur" li t-tentattiv kien ikun punibbli taħt il-liġi ġenerali. Jista' talvolta jiżdied ir-rifless li fis-sistema tal-liġi, almenu in linea di massima, il-vjolazzjonijiet li jirrigwardaw

ħwejjaġ tal-ikel huma komunement kunsidrati bħala kontravvenzjonijiet; għaliex diversament, bir-rekwiżit tal-intenzjoni doluża proprja tad-delitti, il-pubbliku kien jiġi protett ftit jew xejn (Harris & Wilshere, Crim. Law, p. 18);

Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj paċifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li għall-imputabbilità biżżejjed il-volontarjetà tal-fatt. Huwa biżżejjed, ċjoè, illi l-imputat kien kawża effiċjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, mingħajr ma hemm bżonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illeġittimità tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX-IV-553; u Vol. XXX-IV-539);

Għalhekk l-indaġini tal-Qorti hi ristretta filli l-ġudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u sempliċi, li t-tadam ħodor, li huma oġġett tal-kontravvenzjoni, jaslu Malta;

F'din l-indaġini ma għandux jidħol affattu l-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, għaliex dan japplika għas-subalterni u dipendenti tan-neguzjant, u hu ċar illi r-relazzjonijiet bejn il-merkant malti li jagħti l-ordni lill-merkant esteru ma humiex relazzjonijet ta' dipendenza simili;

Ikkunsidrat, fuq dan il-pont;

Il-kondizzjoni fl-"Import Licence" fol. 6, li hi rilevanti għal dan il-każ, hi dik hekk espressa:— "The tomatoes must have reached a stage of maturity which will allow of ripening during the period normally required for distribution, and which on arrival in Malta have developed an orange or orange-pink colour";

Hu utili li jiġi rilevat illi, skond ix-xhieda mogħtija f'din l-istanza mill-espert Dr. Alfred Azzopardi, l-istadji tal-kambjament tal-kulur tat-tadam huma dawn, ċjoè l-ewwel aħdar kark, dan mbgħad isir aħdar ċar, wara l-frotta ssir safranija bil-venaturi roża, sussegwentement issir "orange pink", u fl-aħħarnett, bil-maturazzjoni kompleta,

il-frotta tkun ħamra. Għalhekk, il-kondizzjoni tal-liċenza nija dik tar-raba' stadju;

L-ordinazzjoni magħmula minn dan l-imputat tirriżulta mid-dokument tal-apertura ta' kreditu irrevokabbli eżibit fol. 11. F'dan id-dokument hemm żewġ partijiet li jinteressaw il-"punctum saliens" ta' dan il-każ. Fil-parti ta' fuq tiegħu jingħad "Invoice value of 1000 crates round yellowish-green tomatoes . . . ", mbgħad fil-parti tal-aħħar, taħt l-intestatura "Other Instructions", hemm il-kliem "please request beneficiaries to ensure goods arrive at Malta in a reddish or pinkish colour; this condition stipulates in import licence";

Huwa ċar illi din il-kondizzjoni tal-aħħar tikkonferma ma' dik tal-liċenza, għaliex tirriferixxi appuntu għar-raba' stadju; u anki l-espert Dr. Azzopardi hu ta' dik il-fehma;

Kwantu għall-kliem l-oħra "yellowish-green tomatoes", l-imputat spjega illi għall-ewwel kienu nkitbu fl-apertura tal-kreditu dan il-kliem għaliex dak il-ħin hu ma kellux fuqu l-liċenza, imma mbgħad ġiebha, u allura nkitbu l-kliem l-oħra li huma sostanzjalment konformi għall-eżiġenzi tal-liċenza. Għalkemm din l-ispjegazzjoni ma hix għal kollox soddisfaċenti, għaliex ma tħassrux il-kliem "yellowish-green tomatoes", eppure hu fatt innegabbli illi kienet anki kondizzjoni tal-apertura tal-kreditu li l-esportatur kellu jassikura illi l-merkanzija tasal Malta "in a reddish or pinkish colour"; u di pjù, l-esportatur kien infurmat ili din kienet il-kondizzjoni tal-"import licence". Għalhekk huwa kien jaf illi, wara li jieħu in konsiderazzjoni l-interval bejn l-partenza u l-arriv tal-bastiment, il-kulur kellu jasal fl-istadju ta' "reddish or pinkish" anki jekk fil-mument tat-tluq il-frotta kienet tkun għadha fi stadju ieħor ta' maturazzjoni, ċjoè ta' "yellowish green". Fi kliem ieħor, il-kliem "yellowish-green" jistgħu jkunu tal-volta riferibbli għall-mument tat-tluq tal-bastiment; imma jibqa' dejjem li hemm il-kliem l-oħra li jirriferixxu għall-kulur tal-frotta meta tasal Malta, u l-kliem tal-liċenza huma appuntu "on arrival in Malta". Għalhekk dan l-imputat, fl-ordinazzjoni li għamel, osserva l-kondizzjoni tal-liċenza;

Issa, jekk l-imputat impona, kif fil-fatt impona, lill-esportatur il-kondizzjoni bażilari tal-liċenza, jiġi per konsegwenza li hu ma riedx il-fatt tal-arriv f'Malta ta' dawk it-tadam; u jekk ma riedx dak il-fatt, tonqos il-volontarjetà li hi l-element psikiku għall-kommissjoni tal-kontravvenzjoni. Il-Qorti ma tistax teżiġi illi l-importatur kellu jmur Port Said biex jikkontrolla l-ispedizzjoni hu stess; għaliex dan mhix soltu jsir, u l-Qorti għandha timxi fuq l-"id quod plerumque accidit". Lanqas hu dan każ fejn l-imputat jista' jkun responsabbli għall-fatt tat-terz, għaliex "in criminalibus" dan jista' jiġri biss fejn hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tidderoga għar-regola ġenerali li kulħadd jirrispondi kriminalment għall-fatt proprju. L-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali ma hux applikabbli għal dan il-każ, kif ġa ngħad;

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-Qorti waslet f'dan il-każ għall-konklużjoni ta' non-reità, eppure l-konfiska, kif ordnata mill-Ewwel Qorti, għandha tibqa', in bażi għall-art. 24(3) tal-Kodiċi Kriminali (emenda Ord. IV tal-1947), għaliex it-tadam ta' kulur aħdar jikkostitwixxi (apparti l-imputabbilità o meno tal-individwu) reat, inkwantokkè t-tadam aħdar kien projbit taħt ir-regolamenti 3 u 4 tal-"Importation (Control) Regulations, 1959";

Għal dawn ir-raġunijet, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat, ferma però l-konfiska ordnata mill-Qorti tal-Ewwel Istanza.